IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru37 (sitta u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-Ufficcju Amminstrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**37.1. Item Nru 37.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

37.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.15pm u kulħadd kien preżenti.

**37.2. Item Nru. 37.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti ġew moqrija u kien hemm korrezzjoni kif ġej:
Korrezzjoni:
Tiżdied Minuta 36.4.10 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa minħabba l-iskart li qed jintefa fi Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt fil-kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul.

Wara din il-korrezzjoni l-Minuti ġew approvati unanimament.

**37.3 Item Nru. 37.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

37.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-Proġett tal-Jogging track u qal li għadna qed nistennew mingħand il-Perit Anthony Bezzina it-technical Specs. Dawn ilna li tlabnihom minn Marzu u minkejja diversi reminders bqajna b'xejn. Għalhekk nerġgħu nibgħatulu biex jagħmel dan ix-xogħol kif mitlub.

37.3.3. Is-Sur Attard qal li kellu laqgħa mal-Perit tal-Public Works u tkellmu dwar il-konkos ta' fejn il-Milord u dan qallu li ser jirrangawh.

37.3.4 Is-Sindku qal li hemm cint fejn il-milord li għandu bżonn jiġi rrangat għaliex qiegħed ta periklu. Dan jinsab fil-parti tat-triq ta fuq. Kulħadd qabel li jiġi rranġat.

37.3.5 Is-Sindku qal li dan l-aħħar ġimgħat sar xogħol bil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ta qtugħ ta' ħaxix u sar tajjeb ħafna għalhekk xtaq jifraħ lil ħaddiema ta' dan ix-xogħol.

37.3.6 Is-Sur Attard qal li bħalissa qiegħed ikollna irwejjaħ ta' drenaġġ ta' kuljum u li ġejjin propju mil-impjant tal-SSTP. Il-Kunsill qabel li tintbgħat email lill-Ministru Miriam Dalli biex navzawha b'din is-sitwazzjoni fejn ir-residenti kollha tax-Xgħajra jinsabu imdejqin li lanqas tista tiftaħ tieqa fis-sajf u trid tixgħel l-arja kundizzjonata min ikollu u/jew jaffordja.

37.3.7 Is-Sindku tkellem fuq il-Bye Laws u stqarr li jinsab dispjaċut li dawn ma gewx approvati. Id-Direttur Generali s-Sur Natalino Attard bgħatilna email fejn qalilna li bħalissa qed jaħdmu fuq bye law nazzjonali u għalhekk ma tistax tiġi approvata tax-Xgħajra.

37.3.8 Is-Sindku qal li fis-slip ways qiegħed ikun hemm problema ta' parkeġġ illegali bil-konsegwenza li jispiċċa jkun hemm argumenti bla bżonn għalhekk ippropona li jsiru double lines fis-slip ways kollha sabiex ħadd ma jipparkja. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37.4 Item Nru 37.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

37.4.1 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux inkellmu lil tal-Virtu Ferries sabiex ma jibqgħux deħlin bis-saħħa għaliex qed tidħol rima qawwija tul il-kosta tax-Xgħajra bil-konsegwenza li tkun ta' periklu għal min ikun qed jgħum. Każ partikulari kien li s-sibt li għadda kien hemm tifel li sab ruħu fid-diffikulta minħabba f'hekk u b'xorti tajba ħelisa.

37.4.2 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet dwar il-pots li kellhom isiru fi Sqaq San Lawrenz is-Segretarju qallha li ser isiru dil-ġimgħa.

37.4.3 Is-Sur Valvo staqsa jekk nistgħux nerġgħu inkellmu lil Ministru Byron Camilleri sabiex ikollna *street policing* fix-Xgħajra bħal postijiet oħra. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

37.4.4 Rosabelle staqsiet dwar it-tender tal-Knis fiex wasal u s-Sindku qal li għalissa l-bord tal-evalwazzjoni twaqqaf temporanjament għaliex ser naraw nistgħux inħaddmu ħaddiema mil-Community Workers Scheme.

37.4.5 Is-Sa. Borg staqsiet kif il-lampa ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja kantuniera ma' Dawret ix-Xatt ilha xhur ma tixgħel. Is-Segretrju Ezekuttiv qal li din ilna xhur twal nirrapurtaw u nibgħatu reminders fuqha minajr ma jtuna risposta għaliex dan id-dewmien.

37.4.6 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu nagħmlu xogħol ta' manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ bil-ħaddiema għaliex qiegħed jaqa' kollu.

37.4.7 Is-Sur. Camilleri staqsa jekk jistawx isiru kaxxi tal-MC fejn l-istage tax-xatt għaliex hemm spazju moħli. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

**37.5 Item Nru. 37.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

37.5.1 Ir-rapport finanzjarju annwali awditjat ġie spjegat u approvat.

**37.6 Item Nru. 37.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

37.6.1 L-items l-oħra ġew mitkellma aktar il-quddiem.

**37.7 Item Nru. 37.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

37.7.1 Pagamenti b'numru 104 ġew approvati unanimament.

**37.8 Item Nru. 37.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

37.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**37.9 Item Nru. 37.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.20pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 31 ta' Awwissu, 2021

Iffirmat — Iffirmat

________________________ — ________________________

Ranier Busuttil — Neil Attard

IX-XGĦAJRA

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1370 – Malta
Tel: 21693739
E-Mail xghajra.lc@gov.mt